MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2012

Numru. 532/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Josric Mifsud]**

**vs**

**Gerald Grima**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gerald Grima detentur tal-karta tal-identita` numru 344691(M).

Akkuzat talli nhar is-16 ta’ Mejju, 2012, bejn is-18:10hrs u s-18:20hrs ta’ wara nofsinhar, gewwa Triq Leli Falzon, Naxxar,

(a) talli bla ordni skont il-ligi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi

persuna, u cioe` lil Mary Grima kontra l-volonta taghha, mizmuma jew issekwestra, jhallas dejn, jew isegwi xi obbligazzjoni, hedded bil-mewt tkun li tkun, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor u dan bi ksur tal-Artikolu 85, 86 u 87(c) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) fl-istess data, hin u cirkustanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna f'Mary Grima biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta` taghha jew kontra l-persuna meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba taghha se jikkaguna lil Mary Grima u dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kap9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) kif ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkustanzi, zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija,

(d) ukoll talli fl-istess lok, data, hin, u cirkostanzi fil-hin li kienet qed jaghmel delitt kontra l-persuna ta' Mary Grima kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, immitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regulari;

(e) u aktar talli fl-istess post, data u hin, kiser il-bon ordni u paci pubblika, b'ghajjat, u storbju, kif ukoll daghha u kliem fahxi.

Rat id-dokumenti pprezentati:

Semghet il-provi: u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 85, 86, 87(c) u 251B tal-Kap. 9.

Stante ammissjoni tal-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Gerald Grima hati tal-akkuzi a, c u e u tikkundannah ghal Probation Order ta' sentejn (2) filwaqt li tiddikjara procediment ezawrit tal-akkuzi (b) u (d) stante rinunzja tal-parte civile.

Il-Qorti tordna illi sakemm ma' l-imputat idum jistudja barra minn Malta tul dan il-perjodu huwa ghandu jikkomunika mal-probation officer b'mezz elettroniku kull gimgha u wkoll meta jkun Malta huwa ghandu jinformaha b'dan biex isiru l-arrangamenti sabiex issir laqgha jew laqghat.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------